Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/442

3.3.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/442

## tat-28 ta' Frar 2025

## dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) It-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA) ġie adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-2 ta' April 2013 u daħal fis-seħħ fl-24 ta' Diċembru 2014. L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma Stati Parti għat-TKA (l-"Istati Parti").

(2) It-TKA għandu l-għan li jistabbilixxi l-ogħla standards internazzjonali komuni possibbli biex jirregola l-kummerċ legali ta' armi konvenzjonali u biex jipprevjeni u jeradika l-kummerċ illeċitu tal-armi konvenzjonali u jipprevjeni d-devjazzjoni tagħhom. L-isfidi prinċipali huma l-implimentazzjoni effettiva tiegħu mill-Istati Parti u l-universalizzazzjoni tiegħu, filwaqt li jitqies li r-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-armi hija sforz globali. Biex jikkontribwixxi għall-indirizzar ta' dawk l-isfidi, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/768/PESK ([1]), biex b'hekk kabbar il-portafoll tal-Unjoni ta' assistenza relatata mal-kontroll tal-esportazzjoni b'attivitajiet speċifiċi għat-TKA. Dik id-Deċiżjoni kienet segwita mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2017/915 ([2]) u (PESK) 2021/2309 ([3]) dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-TKA.

(3) L-attivitajiet imwettqa skont id-Deċiżjonijiet 2013/768/PESK, (PESK) 2017/915 u (PESK) 2021/2309 għenu lill-pajjiżi sħab ikopru firxa kbira ta' oqsma rilevanti għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' sistema nazzjonali ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi kif meħtieġ mit-TKA. Ġiet żviluppata kooperazzjoni ma' għadd ta' pajjiżi benefiċjarji li ma kinux ġew indirizzati qabel taħt attivitajiet oħra tal-Unjoni ta' assistenza relatata mal-kontroll tal-esportazzjoni, u b'hekk ġiet riflessa n-natura globali tat-TKA. Jeħtieġ li jsir segwitu ma' dawk il-pajjiżi benefiċjarji biex jiġi żgurat li l-progress ikun sostnut u titheġġeġ is-sensibilizzazzjoni reġjonali minn dawk il-pajjiżi.

(4) Minbarra t-tkomplija tal-attivitajiet mal-pajjiżi sħab attwali, huwa rakkomandat li s-sħubija tiġi estiża, fuq bażi eċċezzjonali, lil pajjiżi oħra li għandhom ħtiġijiet identifikati fir-rigward tal-adeżjoni jew l-implimentazzjoni tat-TKA fis-subreġjuni fejn l-aġenziji ta' implimentazzjoni diġà għandhom sħubiji eżistenti, fuq talba ta' tali pajjiżi, b'rikonoxximent tal-valur ta' approċċ reġjonali għall-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni tat-TKA.

(5) Jeħtieġ li tiġi żgurata l-komplementarjetà u s-sinerġija bejn l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' assistenza previsti f'din id-Deċiżjoni u attivitajiet simili oħra, inkluż dawk previsti fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2023/2296 ([4]) u (PESK) 2025/208 ([5]) u dawk l-attivitajiet tal-Unjoni li huma rilevanti għall-kontroll tal-esportazzjoni fir-rigward ta' oġġetti b'użu doppju. Għalhekk, huwa importanti li jsiru skambji regolari ta' informazzjoni bejn l-aġenziji ta' implimentazzjoni għall-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi, kif ukoll bejn dawk l-aġenziji ta' implimentazzjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Tali skambji ser iħeġġu l-parteċipazzjoni ta' esperti minn Stati Membri oħra, meta rilevanti.

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/768/PESK tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar l-attivitajiet tal-UE f'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 56, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/768/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/915 tad-29 ta' Mejju 2017 dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ĠU L 139, 30.5.2017, p. 38, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/915/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2309 tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ĠU L 461, 27/12/2021, p. 78, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/2309/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2296 tat-23 ta' Ottubru 2023 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tas-Segretarjat tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi b'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ĠU L, 2023/2296, 24.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2296/oj).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/208 tat-30 ta' Jannar 2025 li tappoġġa proġett dwar il-promozzjoni ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni tal-armi (ĠU L, 2025/208, 31.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/208/oj).

(6) L-Uffiċċju Federali Ġermaniż tal-Ekonomija u l-Kontroll tal-Esportazzjoni (*Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle* – BAFA) u Expertise France preċedentement ġew fdati mill-Kunsill bl-implimentazzjoni teknika ta' proġetti b'appoġġ għat-TKA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Bil-għan li tappoġġa l-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni effettiva tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (TKA), l-Unjoni għandha twettaq attivitajiet proġettwali bl-objettivi li ġejjin:

(a) it-tisħiħ jew l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi u l-għarfien espert għall-implimentazzjoni tat-TKA fil-pajjiżi benefiċjarji;

(b) is-sensibilizzazzjoni ta' pajjiżi oħra, inkluż Stati mhux Parti għat-TKA, bil-ħsieb li tiġi appoġġata l-universalizzazzjoni tat-TKA fil-livell nazzjonali, reġjonali u multilaterali.

2. Sabiex jinkisbu l-objettivi stipulati fil-paragrafu 1, l-Unjoni għandha twettaq l-attivitajiet proġettwali li ġejjin:

(a) workshops nazzjonali;

(b) assistenza ad hoc;

(c) attivitajiet "ħarreġ lil min iħarreġ";

(d) attivitajiet reġjonali u multilaterali, bħal konferenzi, workshops u żjarat ta' studju;

(e) avvenimenti paralleli.

Deskrizzjoni dettaljata ta' dawn l-attivitajiet proġettwali tinsab fl-Anness.

3. L-attivitajiet proġettwali msemmija f'din id-Deċiżjoni għandhom jiġu implimentati f'komplementarjetà u sinerġija ma' proġetti ta' assistenza tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni għall-armi konvenzjonali u oġġetti b'użu doppju, u, fejn xieraq, ma' proġetti ta' assistenza ta' donaturi oħra fil-qasam tal-kontroll tal-kummerċ tal-armi.

*Artikolu 2*

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentat Għoli") għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-attivitajiet proġettwali msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha titwettaq mill-Uffiċċju Federali Ġermaniż tal-Ekonomija u l-Kontroll tal-Esportazzjoni (*Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle* – BAFA) u minn Expertise France.

3. BAFA u Expertise France għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa ma' BAFA u Expertise France.

*Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet proġettwali ffinanzjat mill-Unjoni msemmi fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 3 100 000,00.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza stipulat fil-paragrafu 1 għandha tkun amministrata f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tal-ammont ta' referenza finanzjarja msemmi fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonkludi l-ftehimiet meħtieġa ma' BAFA u Expertise France. Il-ftehimiet għandhom jistipulaw li BAFA u Expertise France għandhom jiżguraw il-viżibilità tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilitha biex tikkonkludi l-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 3 mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni ta' dawk il-ftehimiet.

*Artikolu 4*

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti annwali mħejjija minn BAFA u Expertise France.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet proġettwali msemmija fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 5*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 3(3) jew sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk dawk il-ftehmiet ma kinux ġew konklużi f'dak il-perjodu.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. SZŁAPKA

*ANNESS*

PROĠETT GĦALL-PROMOZZJONI TA’ KONTROLLI EFFETTIVI TAL-ESPORTAZZJONI TAL-ARMI

## 1. **Kuntest u fini tal-appoġġ tal-Unjoni**

Din id-Deċiżjoni tibni fuq Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill li appoġġaw il-proċess tan-NU li wassal għat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (“TKA”) u l-promozzjoni tal-implimentazzjoni effettiva u l-universalizzazzjoni tiegħu. It-TKA ġie adottat fit-2 ta’ April 2013 mill-Assemblea Ġenerali tan-NU u daħal fis-seħħ fl-24 ta’ Diċembru 2014.

L-objettiv iddikjarat tat-TKA huwa li “jistabbilixxi l-ogħla standards internazzjonali komuni possibbli għar-regolamentazzjoni jew it-titjib tar-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali ta’ armi konvenzjonali u li jipprevjeni u jeradika l-kummerċ illeċitu tal-armi konvenzjonali u jipprevjeni d-devjazzjoni tagħhom (traduzzjoni mhux uffiċjali)”. Il-fini dikjarata tiegħu huwa li “jikkontribwixxi għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali u reġjonali; inaqqas it-tbatija tal-bnedmin u jippromwovi l-kooperazzjoni, it-trasparenza u l-azzjoni responsabbli mill-Istati Partijiet fil-kummerċ internazzjonali ta’ armi konvenzjonali, biex b’hekk tinbena fiduċja fost l-Istati Parti (traduzzjoni mhux uffiċjali)” ([1]). Għalhekk, l-objettiv u l-fini tat-TKA huma kompatibbli mal-ambizzjoni ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-politika estera u ta’ sigurtà kif minquxa fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ tat-TKA, l-isfidi ewlenin għadhom l-implimentazzjoni effettiva u l-universalizzazzjoni tiegħu.

Għalkemm it-Trattat ġie estiż minn 113-il Stat Parti għal 116-il Stat Parti mill-Għaxar Konferenza tal-Istati Partijiet (CSP10) f’Awwissu 2024, l-universalizzazzjoni għad trid tiġi indirizzata. Biex javvanza l-universalizzazzjoni, il-Grupp ta’ Ħidma tat-TKA dwar l-Universalizzazzjoni tat-Trattat għalhekk enfasizza l-importanza li nibnu fuq l-isforzi eżistenti tal-universalizzazzjonijiet, il-kondiviżjoni tat-tagħlimiet dwar il-prattiki ta’ ratifika u domestikazzjoni, u li nibqgħu miftuħa u naħdmu ma’ Stati mir-reġjuni kollha interessati li jissieħbu fit-Trattat.

Lil hinn mill-universalizzazzjoni, l-implimentazzjoni effettiva tat-TKA tibqa’ sfida ewlenija. Għad fadal sfidi fir-rigward tas-sistemi nazzjonali ta’ kontroll (waħda mill-ewwel temi tal-pjan ta’ ħidma pluriennali), it-titjib tat-trasparenza u r-rapportar, u l-indirizzar tar-riskji skont l-Artikoli 6 u 7. It-tema ta’ prijorità tas-CSP10 – il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji – tqieset bħala kruċjali biex jingħelbu dawn l-ostakli. Abbażi tad-Dokument ta’ Ħidma “*The Role of Interagency Cooperation in the Effective Implementation of Arms Trade Treaty Provisions* (Ir-Rwol tal-Kooperazzjoni bejn l-Aġenziji fl-Implimentazzjoni Effettiva tad-Dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi)” (ATT/CSP10/2024/PRES/798/Conf.WP.IAC), il-Konferenza rrakkomandat l-integrazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fid-dokumenti ta’ gwida u l-ħolqien ta’ programmi ta’ taħriġ imfassla apposta. Il-konformità mal-obbligi ta’ rapportar ġiet affermata mill-ġdid kemm bħala prijorità kif ukoll bħala sfida, bl-Istati jiġu mħeġġa jfittxu l-assistenza disponibbli biex jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti. F’dan il-kuntest, għandhom jinżammu l-ħidma u r-rwol tal-promoturi ta’ rapportar reġjonali u għandhom jitwettqu aktar attivitajiet biex titqajjem kuxjenza dwar ir-rekwiżiti ta’ rapportar tat-TKA u tissaħħaħ il-kapaċità ta’ rapportar tal-Istati Parti fir-reġjuni rispettivi tagħhom.

L-eżiti tas-CSP10 issottolinjaw li tibqa’ l-ħtieġa għal aderenza universali, aktar kondiviżjoni ta’ informazzjoni, kooperazzjoni bejn l-aġenziji u tisħiħ tal-kapaċitajiet biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni effettiva u l-universalizzazzjoni tat-Trattat. Inizjattivi ta’ tisħiħ tal-kapaċitajiet u proġetti ta’ assistenza għalhekk għad għandhom rwol vitali fl-implimentazzjoni u l-promozzjoni tal-objettivi tat-TKA.

F’dan il-kuntest, il-fini ta’ din id-Deċiżjoni hija li tipprovdi finanzjament għal sett komprensiv ta’ attivitajiet ta’ assistenza u ta’ sensibilizzazzjoni sabiex tikkontribwixxi għall-indirizzar ta’ tali sfidi. Hija tibni fuq ir-riżultati u t-tagħlimiet li ttieħdu mit-tliet fażijiet preċedenti ffinanzjati mid-Deċiżjoni 2013/768/PESK, id-Deċiżjoni (PESK) 2017/915, u d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2309, u turi t-tkomplija tal-appoġġ u l-impenn tiegħu lit-TKA mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

## 2. **Objettivi**

L-objettiv ċentrali ta’ din id-Deċiżjoni jibqa’, bħal fit-tliet fażijiet preċedenti tal-proġett, li tkompli tappoġġa għadd ta’ Stati biex jibnu u/jew isaħħu s-sistemi tagħhom ta’ kontroll tat-trasferiment tal-armi għall-implimentazzjoni effettiva tat-TKA bil-ħsieb tas-sjieda u r-responsabbilizzazzjoni u li tkompli tippromwovi l-universalizzazzjoni tiegħu. Għal dak l-għan, il-proġett jinkoraġġixxi l-promulgazzjoni ta’ regoli u strutturi nazzjonali effettivi, effiċjenti u ċari biex jirregolaw il-kummerċ

([1]) It-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, l-Art. 1.

tal-armi (governanza tajba) abbażi ta' strumenti u prinċipji legali multilaterali u rikonoxxuti internazzjonalment. Il-proġett għandu l-għan ukoll li jippromwovi kuxjenza, djalogu u kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali f'dan il-qasam. Fl-aħħar mill-aħħar, il-proġett għandu l-għan li jikkontribwixxi għal sikurezza u sigurtà dinjija akbar u li jippromwovi l-paċi internazzjonali.

Il-kooperazzjoni ser tiġi aġġustata u adattata għall-ħtiġijiet ta' kull pajjiż benefiċjarju u għall-progress li sar fih, b'kont meħud tal-livell ta' maturità u l-awtonomija tas-sistema nazzjonali ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi tal-pajjiż. Attivitajiet oħra ser jimmiraw li jinkoraġġixxu lil Stati li għadhom mhumiex parti għat-TKA biex jadottaw it-Trattat u jibdew jimplimentawh fuq livell nazzjonali.

L-objettivi speċifiċi tal-azzjoni huma:

(a) l-appoġġ għat-tisħiħ u/jew l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' kontroll tat-trasferiment tal-armi biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni teknika tat-TKA f'pajjiżi benefiċjarji eżistenti permezz ta' strumenti bħal, fost oħrajn, l-assistenza legali u t-taħriġ tal-uffiċjali tal-liċenzjar u tal-infurzar;

(b) l-universalizzazzjoni tat-Trattat fil-livelli nazzjonali, reġjonali u multilaterali, permezz ta' sensibilizzazzjoni mal-Istati Sħab, inkluż ma' Stati li għadhom mhumiex parti għat-TKA.

### 3. **Pajjiżi sħab**

Għal-lista ta' pajjiżi sħab skont din id-deċiżjoni, ara l-appendiċi. Għadd ta' pajjiżi sħab li rċevew assistenza skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/768/PESK u/jew id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/915 u/jew id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2021/2309 ser ikomplu jirċievu assistenza skont din id-Deċiżjoni abbażi tar-rakkomandazzjoni mill-entitajiet ta' implementazzjoni.

Pajjiżi ġodda li jesprimu interess li jipparteċipaw fil-proġett ser jiġu ammessi biss fil-programm fuq bażi eċċezzjonali bil-kunsens espliċitu tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Esportazzjoni ta' Armi Konvenzjonali (COARM). Kwalunkwe pajjiż sieħeb ġdid prospettiv għandu jinġieb minn dawk is-sottoreġjuni li fihom l-aġenziji ta' implimentazzjoni rispettivament diġà għandhom sħubija/sħubijiet eżistenti, bħala parti minn strateġija li għadha kif ġiet adottata biex tippromwovi l-"universalizzazzjoni permezz tar-reġjonalizzazzjoni" fil-futur.

Pajjiżi sħab prospettivi ġodda ser jintalbu jħejju talba għal assistenza biex jiġi implimentat it-TKA indirizzata lill-aġenzija ta' implimentazzjoni potenzjali tagħhom, li ser tgħaddi t-talba lill-President tal-COARM għall-konsiderazzjoni mill-COARM. It-talba tagħhom għandha tkun issostanzjata kemm jista' jkun u idealment diġà tidentifika l-ispeċifiċitajiet kollha tal-assistenza meħtieġa, l-għanijiet maħsuba u l-iskeda ta' żmien biex jintlaħqu. Fejn rilevanti, il-pajjiż li jagħmel it-talba għandu jirreferi wkoll għal kooperazzjoni fil-passat jew li tkun għaddejja ma' fornituri oħra ta' assistenza u jagħti informazzjoni dwar l-istrateġija nazzjonali tiegħu għall-implimentazzjoni tat-TKA.

It-talbiet ser jiġu vvalutati abbażi ta', fost l-oħrajn, il-kriterji li ġejjin:

— il-grad tal-impenn politiku u legali għall-aderenza mat-Trattat u l-istatus tal-implimentazzjoni ta' strumenti internazzjonali rilevanti għall-kummerċ tal-armi u l-kontroll tat-trasferiment tal-armi li jkunu applikabbli għall-pajjiż,

— il-probabbiltà ta' eżitu ta' suċċess fl-attivitajiet ta' assistenza,

— il-valutazzjoni ta' kwalunkwe assistenza possibbli li tkun diġà ngħatat jew li ġiet ippjanata fil-qasam tal-kontroll ta' oġġetti b'użu doppju u tat-trasferiment tal-armi,

— ir-rilevanza tal-pajjiż għall-kummerċ globali tal-armi,

— ir-rilevanza tal-pajjiż għall-interessi ta' sigurtà tal-UE,

— l-eliġibbiltà għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA).

Fejn it-talba għall-assistenza tiġi approvata, ser titwettaq valutazzjoni inizjali tal-bżonnijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiż li qed ifittex l-assistenza, pereżempju bl-użu ta' kwestjonarji u l-ġbir ta' informazzjoni eżistenti. Abbażi tar-riżultati ta' din il-valutazzjoni, l-entità ta' implimentazzjoni rispettiva u l-pajjiż benefiċjarju ser jiddiskutu b'mod konġunt il-kontenut għall-assistenza permezz ta' din l-azzjoni b'kont meħud, fejn applikabbli, ta' kwalunkwe assistenza relatata mat-TKA pprovduta permezz tal-Fond Fiduċjarju Volontarju tat-TKA, il-Faċilità Fiduċjarja tan-NU li tappoġġa l-Kooperazzjoni dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Armi (UNSCAR), is-Segretarjat tat-TKA, jew minn organizzazzjonijiet oħra. Fejn il-pajjiż li jkun qed ifittex l-assistenza jkun diġà żviluppa strateġija nazzjonali għall-implimentazzjoni tat-TKA, l-aġenzija ta' implimentazzjoni għandha tiżgura wkoll li l-pjan direzzjonali ta' assistenza jkun konsistenti ma' dik l-istrateġija nazzjonali għall-implimentazzjoni.

4. **Deskrizzjoni tal-attivitajiet proġettwali**

L-attivitajiet tal-proġett ser jindirizzaw varjetà ta' suġġetti rilevanti għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni nazzjonali tat-TKA, b'mod partikolari fir-rigward ta' kontrolli nazzjonali effettivi tal-kummerċ tal-armi. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, il-prinċipji u l-kontenut tat-TKA, kif ukoll il-ħtieġa għal regoli internazzjonali komuni għall-kummerċ tal-armi; elementi għal leġiżlazzjoni soda u robusta għall-kontrolli tal-kummerċ tal-armi; il-proċess ta' liċenzjar (inkluż il-liċenzji elettroniċi, fejn applikabbli u xieraq); l-infurzar ta' tali kontrolli; kriterji ta' valutazzjoni tar-riskju, inkluż prattiki tajbin relatati għall-ġlieda kontra d-devjazzjoni u t-traffikar illeċitu; il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji; u l-ħidma mal-industrija u l-akkademja.

L-attivitajiet ta' assistenza għandhom jitfasslu, fejn applikabbli, biex jirrispondu b'mod flessibbli u reattiv biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet individwali li qed jevolvu ta' kull pajjiż benefiċjarju, sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jimplimentaw it-TKA b'mod komprensiv u sostenibbli.

Għall-pajjiżi benefiċjarji li diġà bbenefikaw b'mod sinifikanti minn programmi ta' assistenza preċedenti tal-UE u li għamlu progress sinifikanti fir-rigward tal-implimentazzjoni tat-TKA, l-enfasi tal-kooperazzjoni ser tikkonċentra wkoll fuq il-kisba tal-awtodipendenza u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' appoġġ intrareġjonali, jiġifieri l-għajnuna lil dawk il-pajjiżi sħab biex jieħdu rwol multiplikatur (promotur) għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tat-Trattat fir-reġjun rispettiv tagħhom, fejn xieraq u applikabbli. Għal dawn il-benefiċjarji, xi workshops ta' assistenza jistgħu – fejn xieraq – jinvolvu biss komponenti ta' mentoraġġ aktar milli jirrepetu l-miżuri ta' assistenza teknika pprovduti fil-passat.

L-attivitajiet ser jindirizzaw jew pajjiż benefiċjarju wieħed individwalment (workshops nazzjonali), jew għadd minnhom li jkollhom bżonnijiet simili (workshops multinazzjonali jew reġjonali). Dawn ser isiru skont diversi formati (wiċċ imb wiċċ, online, ibridu, apprendiment elettroniku).

L-għarfien espert ser jingħata minn esperti magħżula mill-grupp ta' esperti ġestiti mill-aġenziji ta' implimentazzjoni. Il-grupp ta' esperti ser jiġi rieżaminat u aġġornat regolarment u mwessa', skont il-bżonn, biex jinkludi esperti ġodda. Fost oħrajn, għandhom jiġu identifikati esperti ġodda b'mod partikolari minn pajjiżi benefiċjarji fit-tul u pajjiżi benefiċjarji preċedenti b'sistemi ta' trasferiment tal-armi aktar avvanzati (idealment dawk li pparteċipaw fil-modulu Ħarreġ lil Min Iħarreġ).

Il-pjattaforma online li ġiet żviluppata għall-ewwel darba skont id-Deċiżjoni preċedenti tista' taqdi wkoll rwol fit-tisħiħ tal-involviment mal-esperti u fil-bini ta' komunità ta' esperti. B'mod aktar speċifiku, tista' tagħti lill-esperti l-opportunità li:

— jirreġistraw, joħolqu l-profil tagħhom u jagħtu dettalji dwar l-oqsma ta' għarfien espert tagħhom għal mobilizzazzjoni diversifikata u effiċjenti tal-grupp għall-attivitajiet proġettwali,

— jiksbu aċċess għal librerija ta' informazzjoni u dokumenti rilevanti relatati mal-proġett u mal-implimentazzjoni tat-TKA, inkluż bullettini ta' kull xahrejn, biex jiġi żgurat li l-esperti kollha jkollhom aċċess għal korpus komuni ta' għarfien dwar it-TKA,

— jaqbdu ma' forum li fih ikunu jistgħu jaqsmu u jiddiskutu bejniethom kwalunkwe kwistjoni, mistoqsija jew esperjenza li setgħu kellhom fir-rigward tat-TKA u s-sensibilizzazzjoni.

Is-sett ta' għodod tal-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni żviluppati u elaborati f'Deċiżjonijiet tal-Kunsill predeċessuri għandu jinżamm, kif deskritt f'din it-taqsima. Dan jista' jiġi ssupplimentat, fejn applikabbli, minn attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni politika tal-UE mmexxija minn delegati tal-UE għall-fini li jiġi pprovdut momentum politiku miżjud għall-proċess ta' ratifika jew implimentazzjoni tat-TKA f'pajjiż sieħeb.

4.1. **Attivitajiet nazzjonali**

Għal kull pajjiż benefiċjarju li jirċievi assistenza nazzjonali individwali, l-assistenza dedikata ser tiġi miftiehma bejn l-entità ta' implementazzjoni u l-pajjiż benefiċjarju rispettivi, b'kont meħud tal-istat attwali tal-miżuri ta' implimentazzjoni u l-kisbiet tat-TKA tal-pajjiż benefiċjarju. Dan ser jitwettaq mill-entità ta' implimentazzjoni bl-appoġġ ta' esperti rilevanti, jekk meħtieġ.

### 4.1.1. **Workshops nazzjonali**

**Objettiv tal-attività**

Il-proġett ser jieħu l-forma ta' workshops u fuq talba tal-pajjiżi benefiċjarji individwali ser joffrilhom assistenza fl-oqsma ta' interess nazzjonali speċifiku. Uffiċjali tal-Istat mill-pajjiżi benefiċjarji, inkluż uffiċjali tal-gvern, tal-liċenzjar u tal-infurzar ser jipparteċipaw fil-workshops. Skont il-ħtiġijiet eżatti u d-disponibbiltà tal-esperti tal-pajjiżi benefiċjarji u tal-Istati Membri, l-avvenimenti, bħala regola, ser ikollhom format ta' jumejn. L-attivitajiet jistgħu jiġu organizzati wkoll online, kif meħtieġ.

**Deskrizzjoni tal-attività**

L-attivitajiet ser ikunu fil-biċċa l-kbira fil-forma ta' workshops u seminars u ser jiġu allokati fuq bażi flessibbli u mmexxija mid-domanda skont il-ħtiġijiet, l-interessi u l-kapaċitajiet ta' assorbiment tal-pajjiżi benefiċjarji. Il-perjodu ta' żmien maħsub għal kull attività huwa bejn jumejn u tlett ijiem.

Fejn xieraq, il-pajjiżi benefiċjarji jistgħu jitolbu li rappreżentanti minn pajjiżi benefiċjarji oħra jew pajjiżi terzi jiġu mistiedna għal attività nazzjonali. Il-feedback miġbur skont Deċiżjonijiet preċedenti jindika li l-pajjiżi shab jilqgħu tajjeb ħafna u jibbenefikaw ukoll mill-opportunità li jaqsmu l-għarfien, l-ideat u l-prattiki tajba fuq bażi bilaterali jew subreġjonali, u b'hekk irawmu wkoll kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-pajjiżi ġirien.

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/915, għadd ta' attivitajiet kellhom jiġu organizzati f'format virtwali minħabba restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u fuq il-kuntatt marbuta mat-tifqigħa tal-COVID-19. Għalkemm mhux l-attivitajiet kollha huma adattati sew għal format virtwali, is-suċċess ta' ħafna attivitajiet online skont id-Deċiżjoni (PESK) 2021/2309 preċedenti jissuġġerixxi li taħlita ta' formati virtwali, wiċċ imb wiċċ u ibridi (fejn porzjon mill-parteċipanti jattendu personalment, filwaqt li l-parteċipanti li jifdal jaqbdu mal-avveniment mill-bogħod) jistgħu jintużaw b'mod effettiv fid-Deċiżjoni attwali.

Għadd ta' pajjiżi ġew inklużi f'Deċiżjonijiet preċedenti. Fid-dawl tal-assistenza li diġà rċevew dawn il-pajjiżi, l-assistenza għal dawn il-pajjiżi benefiċjarji fit-tul ser tqis il-livell ta' progress li sar s'issa.

### 4.1.2. **Assistenza ad hoc**

**Objettiv tal-attività**

Minbarra dan, ser jingħata appoġġ individwali, fejn adatt u xieraq, permezz ta' assistenza mill-bogħod (fost oħrajn: rieżamijiet legali; konsultazzjoni dwar każijiet speċifiċi, inkluż appoġġ għall-klassifikazzjoni teknika ta' oġġett partikolari, appoġġ b'materjali ta' gwida; eċċ.).

**Deskrizzjoni tal-attività**

L-assistenza ad hoc tista' titwettaq jew:

(a) mill-bogħod, imwettqa minn esperti bħala xogħol fl-uffiċċju jew bl-użu ta' għodod/alternattivi online;

(b) fuq il-post, pereżempju fil-forma ta' tgħarrif dirett u wiċċ imb wiċċ jew kompiti itwal (sa ġimagħtejn) imwettqa minn grupp żgħir ta' esperti (ġeneralment wieħed jew tnejn biss) li jipprovdu konsultazzjoni komprensiva u konsulenza prattika lil awtorità rilevanti fil-pajjiż benefiċjarju; jew

(c) taħlita tat-tnejn (l-hekk imsejjaħ "approċċ imħallat" li fih xi attivitajiet, skont is-suġġett, jitwettqu virtwalment filwaqt li oħrajn isiru wiċċ imb wiċċ).

Din il-forma ta' assistenza ser tkun disponibbli għall-pajjiżi benefiċjarji kollha. Il-baġit ser jipprovdi għadd massimu ta' jiem ta' esperti li għandhom jiġu allokati għal dawn l-attivitajiet ta' assistenza. Sehem mill-baġit ser ikopri wkoll kwalunkwe għodda teknika u tagħmir meħtieġ biex jitwettqu dawn l-attivitajiet, bħal tariffi ta' abbonament għal pjattaformi online għall-kondiviżjoni ta' dokumenti.

### 4.2 **Approċċ ta' ħarreġ lil min iħarreġ**

**Objettiv tal-attività**

Sabiex tiġi promossa s-sjieda tal-implimentazzjoni nazzjonali tat-TKA kif ukoll inizjattivi reġjonali ta' universalizzazzjoni tat-Trattat u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-assistenza tal-Unjoni skont din id-Deċiżjoni u dawk preċedenti, speċjalment fost il-pajjiżi shab, huwa kritiku li pajjiżi benefiċjarji jiżviluppaw kapaċitajiet u għodod biex ikomplu l-proċess ta'

implimentazzjoni u universalizzazzjoni tat-TKA indipendentement minn assistenza tal-UE jew assistenza esterna oħra. Biex jintlaħaq dan l-għan, ser ikun importanti li jiġi offrut appoġġ lill-pajjiżi benefiċjarji biex jiżviluppaw kapaċitajiet nazzjonali fir-rigward ta' (a) taħriġ lill-persunal tagħhom stess; u (b) il-bini ta' korp ta' informazzjoni u riżorsi relatati mal-implimentazzjoni tat-TKA li ser jappoġġa l-iżvilupp ta' memorja istituzzjonali u kapaċitajiet ta' appoġġ intrareġjonali.

Sabiex jiġu evitati duplikazzjonijiet bla bżonn, l-entitajiet ta' implimentazzjoni, fejn applikabbli u xieraq, ser jiżguraw il-koordinazzjoni ma' azzjonijiet oħra ffinanzjati mill-UE f'dan il-qasam, inkluż dawk implimentati mis-Segretarjat tat-TKA.

Benefiċċju addizzjonali ta' din l-attività ser ikun l-espansjoni tal-grupp ta' esperti tal-proġett, b'esperti minn pajjiżi benefiċjarji biex iservu bħala multiplikaturi tal-universalizzazzjoni tat-Trattat, fejn xieraq.

**Deskrizzjoni tal-attività**

L-approċċ ta' ħarreġ lil min iħarreġ ser jikkonsisti f'żewġ komponenti komplementari li ser jiġu adattati skont il-livelli differenti ta' progress u maturità fis-sistemi ta' kontroll tal-kummerċ tal-pajjiżi benefiċjarji.

Komponent wieħed ta' dan il-modulu ser ikun li jitmexxew workshops ta' taħriġ għal għadd ta' esperti tal-pajjiżi benefiċjarji sabiex fi stadju aktar tard ikunu jistgħu effettivament iħarrġu lill-kollegi tagħhom stess b'kont meħud tal-livell ta' għarfien espert tagħhom. Esperti mħarrġa ġodda ser jiffunzjonaw bħala multiplikaturi ta' għarfien espert relatat mat-TKA f'pajjiżhom stess, u ser jgħinu biex issaħħu kapaċitajiet istituzzjonali li jsostnu lilhom infushom.

L-għan ta' dawn l-attivitajiet huwa li l-ħarrieġa futuri jingħataw il-ħiliet didattiċi u ta' taħriġ meħtieġa biex jitħarreġ il-persunal f'pajjiżhom stess, filwaqt li jiżdiedu wkoll il-kapaċitajiet tal-pajjiżi benefiċjarji fir-rigward tal-ġestjoni tal-għarfien u l-memorja istituzzjonali. Fejn xieraq, il-pajjiżi sħab jistgħu jiġu mħeġġa jiżviluppaw il-programm tagħhom stess ta' "Ħarreġ lil Min Iħarreġ" abbażi tal-approċċ ta' taħriġ u l-materjal żviluppati f'din il-fażi tal-programm u dawk preċedenti. Għalhekk, dawn l-attivitajiet għandhom l-għan li jippermettu lill-pajjiżi benefiċjarji jsiru aktar indipendenti u awtodipendenti fir-rigward tal-ħolqien, it-tixrid u ż-żamma tal-għarfien relatat mat-TKA fi ħdan l-awtoritajiet governattivi rilevanti. Minħabba n-natura konkreta u prattika ta' dawn l-attivitajiet, format wiċċ imb wiċċ ikun l-aktar xieraq; madankollu, approċċ imħallat li jinkludi attivitajiet wiċċ imb wiċċ u virtwali jista' jkun effettiv ukoll.

It-tieni komponent ser ikun pjattaforma online li ser tappoġġa, fejn rilevanti u teknikament possibbli fil-pajjiżi sħab, lill-ħarrieġa futuri fl-iżvilupp tal-materjali ta' taħriġ tagħhom stess billi żżomm ġabra ta' materjal u dokumenti pertinenti għall-implimentazzjoni tat-TKA kif miġbura u/jew, jekk meħtieġ, żviluppati mill-entitajiet ta' implimentazzjoni u mqegħdin għad-dispożizzjoni tal-pajjiżi benefiċjarji. Barra minn hekk, il-pjattaforma ser tippermetti lill-ħarrieġa futuri jitolbu pariri mill-komunità tal-esperti u jiddiskutu kwalunkwe diffikultà potenzjali li jistgħu jiffaċċaw fl-implimentazzjoni tat-taħriġ nazzjonali tagħhom. Il-pjattaforma ser tintuża wkoll biex tipprovdi segwitu għal attivitajiet u biex jiġu arkivjati riżultati prodotti skont din id-Deċiżjoni u dawk preċedenti.

Filwaqt li jibnu fuq il-ħidma li saret skont id-Deċiżjoni preċedenti, l-entitajiet ta' implimentazzjoni ser ikollhom l-għażla li jiddelegaw l-iżvilupp, iż-żamma u l-produzzjoni ta' materjal bħal dan lil esperti esterni, magħżula wkoll mill-grupp ta' esperti, kif xieraq. Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali fl-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi benefiċjarji, l-attivitajiet ta' taħriġ għandhom jiffukaw ukoll fuq l-inkoraġġiment tal-pajjiżi benefiċjarji biex jiżviluppaw u jżommu l-ġabra tagħhom stess ta' informazzjoni u dokumentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tat-TKA.

Il-pjattaforma tal-proġett ser iżżid il-viżibbiltà tal-programm, tiffaċilita l-kuntatti bejn il-partijiet ikkonċernati, trawwem djalogu bejn l-implimentaturi u s-sħab, u żżomm il-kooperazzjoni mal-pajjiżi benefiċjarji. Fejn possibbli, il-materjal żviluppat fil-proġett ser isir aċċessibbli u l-użu ta' teknoloġija tat-tip ta' network soċjali ser jippermetti komunikazzjoni online attiva u skambju ta' informazzjoni bejn il-parteċipanti f'ambjent familjari. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri ser jibbenefikaw ukoll minn din il-pjattaforma ddedikata fejn l-entitajiet ta' implimentazzjoni ser jaqsmu informazzjoni dwar it-twettiq tal-attivitajiet.

Fejn possibbli, l-entitajiet ta' implimentazzjoni ser jirreklamaw il-workshops u l-materjal ta' ħarreġ lil min iħarreġ, u jidentifikaw ħarrieġa futuri filwaqt li jwettqu attivitajiet ta' assistenza f'pajjiżi benefiċjarji skont din id-Deċiżjoni (id-deċiżjoni finali rigward il-ħatra ta' ħarrieġa futuri ser tibqa', madankollu, ir-responsabbiltà tal-pajjiż benefiċjarju). Skont l-idoneità tagħhom, dawn l-uffiċjali jistgħu sussegwentement jiġu rreġistrati fil-grupp ta' esperti u jiġu mistiedna jipparteċipaw bħala esperti f'attivitajiet oħra deskritti f'din id-Deċiżjoni. Dan ser ikompli jappoġġa l-għan li l-pajjiżi benefiċjarji fit-tul jiġu mħeġġa jadottaw ir-rwol ta' promoturi reġjonali tal-implimentazzjoni tat-TKA u multiplikaturi tal-universalizzazzjoni tat-Trattat.

4.3 **Attivitajiet Reġjonali u Internazzjonali**

4.3.1 **Attivitajiet Multilaterali**

**Objettiv tal-attività**

Il-proġett ser jieħu l-għamla ta' attivitajiet multilaterali li jinvolvu mill-inqas żewġ pajjiżi benefiċjarji li huma interessati fi kwistjoni ta' interess komuni għall-fini tal-iskambju ta' għarfien, esperjenza u approċċi nazzjonali dwar din il-kwistjoni partikolari. Dawn l-attivitajiet jistgħu jiġu organizzati f'wieħed mill-pajjiżi benefiċjarji ta' din id-Deċiżjoni, fi Stat benefiċjarju jew online. Attivitajiet ta' skambju ta' għarfien multilaterali jinkludu kemm workshops multinazzjonali kif ukoll żjarat ta' studju.

Ser jitmexxew attivitajiet multilaterali biex tiġi promossa l-kooperazzjoni internazzjonali u Nofsinhar-Nofsinhar lil hinn mill-konferenzi reġjonali. Speċjalment il-pajjiżi sħab fit-tul (jiġifieri benefiċjarji skont Deċiżjonijiet tal-Kunsill preċedenti) jistgħu jibbenefikaw minn dan il-format, peress li jippermetti skambju ta' informazzjoni u trasferiment ta' għarfien dwar kwistjoni partikolari ma' pari oħra u esperti internazzjonali.

Iż-żjarat ta' studju jagħtu lill-pajjiżi benefiċjarji l-opportunità li jkollhom aċċess għall-awtoritajiet u l-uffiċjali tal-gvern f'pajjiżi oħra li japplikaw it-TKA. Għalhekk, dawn jirrappreżentaw element komplementari importanti għall-attivitajiet nazzjonali fil-pajjiżi benefiċjarji billi joffru lil dawn il-pajjiżi qafas usa' ta' referenza rigward l-implimentazzjoni prattika tat-Trattat. Barra minn hekk, minħabba l-interazzjoni mill-qrib bejn ir-rappreżentanti tal-pajjiż ospitanti u l-uffiċjali fuq żjara, dawn għandhom ukoll potenzjal għoli ta' taħriġ, speċjalment għal esperti futuri u għal min ikun ser iħarreġ. Għalhekk, iż-żjarat ta' studju ser ikunu disponibbli għall-uffiċjali tal-gvern, inkluż dawk responsabbli mill-politika, il-liċenzjar u l-infurzar, ta' kull wieħed mill-pajjiżi benefiċjarji deskritti fil-punt 3.1.2.3.

**Deskrizzjoni tal-attività**

Kull żjara ta' studju ser iddum sa tlett ijiem u tkun ġeneralment maħsuba għal pajjiż benefiċjarju wieħed, madankollu, fejn jitqies xieraq u/jew jekk mitlub mill-pajjiżi nfushom, diversi pajjiżi benefiċjarji jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw fl-istess żjara ta' studju.

Minħabba n-natura tagħhom, iż-żjarat ta' studju għandhom isiru biss bħala attivitajiet wiċċ imb wiċċ. Dawn jistgħu jseħħu fi Stat Membru jew f'pajjiż terz (il-pajjiżi terzi mhux neċessarjament ikunu pajjiżi benefiċjarji skont din id-Deċiżjoni tal-Kunsill). L-organizzazzjoni taż-żjara ta' studju ser tiġi żgurata mill-entità ta' implimentazzjoni inkarigata mill-pajjiż sieħeb li jibbenefika miż-żjara ta' studju.

Workshops multilaterali jistgħu jiġu organizzati sa jumejn u jsiru f'wieħed mill-pajjiżi benefiċjarji involuti fl-attività, fi Stat Membru jew online.

4.3.2. **Konferenzi reġjonali u transreġjonali**

**Objettiv tal-attività**

L-attivitajiet reġjonali huma format dejjem aktar importanti biex javvanzaw il-kawża tal-universalizzazzjoni tat-Trattat. Osservazzjoni ewlenija mill-esperjenza miġbura fil-fażijiet preċedenti tal-proġett hija li l-pajjiżi sħab iħossuhom aktar komdi u motivati biex jimxu 'l quddiem fl-implimentazzjoni tat-Trattat meta jitqiegħdu fil-kuntest tar-reġjun tal-madwar tagħhom (jiġifieri meta mkejla mal-Istati ġirien), li għandu karatteristiċi politiċi, ekonomiċi u kulturali komuni. Għalhekk, id-dinamika reġjonali għandha tintuża biex trawwem ċiklu awtorinforzanti ta' skambju reġjonali u appoġġ reċiproku. L-attivitajiet iffukati fuq ir-reġjuni ser ilaqqgħu flimkien diversi pajjiżi, jew minn reġjun wieħed inkella minn reġjuni differenti (attivitajiet transreġjonali u internazzjonali), biex jaqsmu l-esperjenzi u jiddiskutu kwistjonijiet ta' tħassib u interess komuni relatati mal-implimentazzjoni tat-TKA u l-kontrolli tal-kummerċ tal-armi. Il-pajjiżi benefiċjarji li qabel ikunu rċevew assistenza skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/768/PESK u/jew id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/915 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2309 u li jkunu wrew progress u impenn importanti fir-rigward tal-implimentazzjoni tat-TKA ser ikollhom rwol partikolarment importanti f'tali attivitajiet bħala mudelli eżemplari għar-reġjuni rispettivi tagħhom. Il-kapaċità fit-tul tal-pajjiżi sħab stabbiliti, fejn xieraq, ser tgħinhom isiru multiplikaturi u "promoturi reġjonali" għall-universalizzazzjoni tat-Trattati fir-reġjuni rispettivi tagħhom. Dan jista' jinkoraġġixxi s-sjieda tal-implimentazzjoni tat-TKA fil-livell reġjonali u jippromwovi l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar fuq medda itwal ta' żmien.

Attivitajiet transreġjonali u internazzjonali ġew inklużi f'din id-Deċiżjoni bi tweġiba għal talbiet minn pajjiżi benefiċjarji li jixtieqų jitgħallmu mill-esperjenza ta' pajjiżi f'partijiet oħra tad-dinja. B'dan il-mod, l-attivitajiet transreġjonali u internazzjonali jistgħu jgħinu biex janimaw u jrawmu skambju aktar globali ta' approċċi u prattiki relatati mat-TKA.

**Deskrizzjoni tal-attività**

Attivitajiet reġjonali ser jiġu organizzati bħala avvenimenti ta' jumejn jew tlieta u ser jiġu allokati skont ir-reġjun. Dawn l-attivitajiet għandhom jinkludu mill-inqas tliet pajjiżi parteċipanti. Minbarra l-pajjiżi benefiċjarji elenkati taħt it-taqsima 3, ser ikun importanti li dawn l-attivitajiet jinfetħu, fejn rilevanti, għal pajjiżi terzi li mhumiex inklużi b'mod ieħor f'din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari Stati mhux partijiet. Barra minn hekk, fejn possibbli, huwa rrakkomandat li jiġi involut mill-inqas wieħed mill-pajjiżi benefiċjarji stabbiliti aktar avvanzati (jiġifieri, pajjiżi li rċevew assistenza skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/768/PESK u/jew id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/915 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2021/2309 kif deskritt fit-taqsima 3 u li s-sistema tal-kontroll tal-kummerċ tal-armi tagħhom tkun diġà laħqet ċertu grad ta' maturità) biex jaġixxi bħala multiplikatur u/jew li tiġi mitluba l-parteċipazzjoni ta' esperti minn dawn il-pajjiżi bħala mod kif jiġi mħeġġeġ l-bini ta' għarfien espert reġjonali u l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar.

L-attivitajiet reġjonali ser jiġu organizzati skont id-domanda u d-disponibbiltà min-naħa tal-pajjiżi ospitanti. Il-format preferut għal attivitajiet bħal dawn ser ikun il-parteċipazzjoni bi preżenza fiżika peress li din ser tiżgura l-akbar impatt; madankollu, jistgħu jintużaw ukoll formati online jew ibridi skont iċ-ċirkostanzi u l-preferenzi tal-parteċipanti.

L-attivitajiet reġjonali mhux ser ikunu limitati għal reġjuni individwali iżda minflok ser jagħtu wkoll lill-pajjiżi benefiċjarji minn reġjuni differenti l-possibbiltà li jattendu attivitajiet transreġjonali. Matul l-implimentazzjoni tal-fażijiet preċedenti tal-proġett, deher ċar li hemm domanda għolja fost il-pajjiżi sħab biex mhux biss jitgħallmu mir-reġjuni rispettivi tagħhom u jaqsmu informazzjoni fi ħdanhom iżda wkoll lil hinn minn dan.

### 4.4. Avveniment Parallel Internazzjonali

**Objettiv tal-attività**

Sabiex tintlaħaq l-akbar udjenza possibbli u jiġu promossi mhux biss l-universalizzazzjoni tat-TKA iżda wkoll l-isforzi tal-UE lejn dan l-għan, il-BAFA u Expertise France ser jorganizzaw b'mod konġunt avveniment parallel internazzjonali fil-marġini ta' konferenza multilaterali organizzata fil-livell tan-NU, pereżempju, matul is-sessjoni annwali tal-Ewwel Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU fi New York.

**Deskrizzjoni tal-attività**

L-avveniment parallel internazzjonali ser jikkonsisti f'avveniment ta' ġurnata li jinvolvi għadd magħżul ta' rappreżentanti ta' pajjiżi sħab, esperti internazzjonali (speċjalment minn pajjiżi benefiċjarji jew li kienu benefiċjarji, preferibbilment dawk li pparteċipaw fil-modulu Ħarreġ lil Min Iħarreġ) u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali kif ukoll atturi tas-soċjetà ċivili involuti fil-promozzjoni tal-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni tat-TKA.

#### 4.4.1 Avvenimenti paralleli fil-marġini tal-Konferenzi tal-Istati Parti tat-TKA (CSPs)

**Objettiv tal-attività**

Il-konferenzi annwali tal-Istati Partijiet għat-TKA joffru opportunità unika ta' sensibilizzazzjoni ta' uffiċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti inkarigati mill-kwistjonijiet tat-TKA. L-avvenimenti paralleli ffinanzjati mill-UE ser jippermettu, b'mod partikolari, li titqajjem kuxjenza dwar l-attivitajiet ta' appoġġ tal-UE għall-implimentazzjoni, jiffaċilitaw kuntatti ma' pajjiżi li jistgħu sussegwentement jitolbu assistenza, u jippromwovu prattiki tajbin b'mod partikolari mill-pajjiżi benefiċjarji.

**Deskrizzjoni tal-attività**

Tliet avvenimenti paralleli ser iseħħu matul il-perjodu tal-programm, jiġifieri wieħed għal kull Konferenza annwali tal-Istati Parti għat-TKA, u ser jiġu organizzati b'mod konġunt mill-entitajiet ta' implementazzjoni. Il-fondi tal-UE jistgħu partikolarment ikopru l-ispejjeż tal-ivvjaġġar għal għadd definit ta' esperti jew uffiċjali mill-pajjiżi benefiċjarji.

### 4.5 Konferenza ta' għeluq

**Objettiv tal-attività**

L-objettiv tal-konferenza ta' għeluq huwa li jkun hemm kuxjenza u sjieda akbar fir-rigward tat-TKA mhux biss fost il-pajjiżi sħab, iżda wkoll fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti bħall-parlamenti nazzjonali, l-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili li huma interessati fl-impatt usa' li għandu jkollu t-Trattat. Billi tlaqqa' rappreżentanti minn ħafna partijiet differenti tad-dinja, il-konferenza ser isservi wkoll bħala forum għat-tisħiħ tan-network internazzjonali u l-komunità ta' atturi involuti fl-implimentazzjoni tat-Trattat u l-ħidma lejn l-universalizzazzjoni tiegħu.

**Deskrizzjoni tal-attività**

L-attività ser tieħu l-għamla ta' konferenza ibrida (online biss jekk bil-qbil tas-SEAE u l-entitajiet ta' implimentazzjoni) ta' jumejn li għandha tiġi organizzata qrib it-tmiem tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u possibbilment eżatt wara l-laqgħa tal-COARM. L-entitajiet ta' implimentazzjoni ser ikunu inkarigati b'mod konġunt mill-implimentazzjoni tagħha. Din il-konferenza ser tlaqqa' rappreżentanti rilevanti tal-pajjiżi benefiċjarji tal-attivitajiet deskritti fit-taqsima 4 kif ukoll partijiet ikkonċernati oħra involuti fil-promozzjoni tat-Trattat u l-objettivi tiegħu.

Il-konferenza ser tiffaċilita skambji ta' esperjenza mill-pajjiżi benefiċjarji, tipprovdi informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet tagħhom fir-rigward tat-TKA u l-istatus ta' ratifika u ta' implimentazzjoni tat-TKA, u tippermetti l-qsim ta' informazzjoni rilevanti ma' rappreżentanti ta' parlamenti nazzjonali, organizzazzjonijiet reġjonali u s-soċjetà ċivili.

Minbarra r-rappreżentanti tal-pajjiżi sħab, il-Konferenza ta' Għeluq tista' tinkludi wkoll esperti li kkontribwew għall-attivitajiet tal-proġetti kif ukoll rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet rilevanti oħra u atturi tas-soċjetà ċivili involuti fil-promozzjoni tal-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni tat-TKA.

5. **Involviment mal-komunità ta' esperti**

5.1 **Laqgħat tal-esperti**

**Objettiv tal-attività**

Il-laqgħat tal-esperti ser jiffukaw fuq l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni ma' u fost esperti mill-grupp ta' esperti fil-qafas tal-proġetti li ġie stabbilit skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2013/768/PESK, (PESK) 2017/915, u (PESK) 2021/2309, kif ukoll ma' esperti ġodda, speċjalment minn pajjiżi benefiċjarji u pajjiżi li kienu benefiċjarji li pparteċipaw fil-modulu Ħarreġ lil Min Iħarreġ deskritt fit-taqsima 4.1.3. Huma ser jippromwovu skambji kostruttivi dwar l-implimentazzjoni u l-eżiti tal-proġett, u b'hekk jinkoraġġixxu l-involviment fit-tul fil-proġett u jimmobilizzaw l-għarfien espert fi ħdan il-komunità akbar tat-TKA. L-attivitajiet ser jikkontribwixxu wkoll għall-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar bl-involviment, fejn adatt, ta' esperti minn pajjiżi benefiċjarji jew il-pajjiżi li kienu benefiċjarji nfushom.

**Deskrizzjoni tal-attività**

Il-laqgħat tal-esperti ser jissejħu mill-entitajiet ta' implimentazzjoni (kull waħda minnhom tkun inkarigata bl-organizzazzjoni ta' laqgħa), prinċipalment, għalkemm mhux esklużivament, immirati lejn l-esperti li kienu involuti fil-fażijiet preċedenti tal-proġett u/jew li pparteċipaw ta' spiss f'attivitajiet tal-proġett. Il-laqgħat ser ikollhom partikolarment l-għan li:

— jiżviluppaw fehim komuni, fost l-esperti, tal-isfidi u r-reazzjonijiet relatati mal-appoġġ għall-implimentazzjoni tat-TKA; jarmonizzaw u jissimplifikaw il-messaġġi ewlenin li għandhom jitwasslu matul l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni,

— jipprovdu lill-esperti informazzjoni dwar il-progress li jkun sar mill-pajjiżi sħab fir-rigward tal-implimentazzjoni tat-TKA u dwar l-assistenza pprovduta fi ħdan il-proġett,

— jiżviluppaw u/jew jimmodifikaw, kif xieraq, l-approċċi komuni li għandhom jintużaw fl-assistenza mogħtija mill-esperti sabiex il-parir mogħti mill-esperti jkun konsistenti u adattat għall-bżonnijiet tal-pajjiżi benefiċjarji.

Ser jintuża approċċ fuq żewġ binarji biex jiġu involuti esperti, dawn jikkonsistu f'dan li ġej:

— żewġ laqgħat li jinvolvu esperti mill-grupp ta' esperti biex jiġu żviluppati għanijiet u approċċi komuni biex jintlaħqu l-pajjiżi benefiċjarji,

— l-użu tal-pjattaforma online (inizjalment żviluppata taħt it-tieni fażi tal-proġett), fejn applikabbli, u l-għodod tagħha biex titrawwem il-komunikazzjoni fost l-esperti, u biex jiġi appoġġat l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-TKA u l-implimentazzjoni tal-proġett (attivitajiet, esperti, eċċ.).

6. **Appoġġ għall-universalizzazzjoni**

Minbarra li tipprovdi lill-pajjiżi benefiċjarji assistenza teknika biex tappoġġa l-implimentazzjoni tat-TKA, din id-Deċiżjoni għandha wkoll l-għan li tippromwovi u tavvanza l-universalizzazzjoni tat-Trattat, u b'hekk tikkontribwixxi għal sforzi multilaterali usa' għall-prevenzjoni tad-devjazzjoni u t-traffikar illeċitu ta' armi konvenzjonali, u l-promozzjoni ta' aktar sigurtà għal kulħadd.

Għal dak il-għan, l-azzjonijiet meħuda fil-qafas ta' din id-Deċiżjoni ser jiffukaw ukoll fuq l-istabbiliment ta' kooperazzjoni ma' Stati mhux parti u t-tħeġġiġ tal-adeżjoni mat-TKA. L-attivitajiet assoċjati ser isaħħu l-viżibbiltà tat-Trattat, filwaqt li jqajmu kuxjenza mal-pubbliku dwar ir-riskji u t-theddid li jirriżultaw mid-devjazzjoni u t-traffikar illeċitu ta' armi konvenzjonali, u jippromwovu wkoll djalogu bejn l-Istati u l-Istati mhux parti sabiex jgħinu fit-tisħiħ tal-fiduċja u t-trasparenza.

Fejn rilevanti, l-Istati li għadhom mhumiex parti għat-TKA għalhekk ser jiġu offruti appoġġ taħt din id-Deċiżjoni, fejn xieraq, fil-forma ta' attivitajiet ta' assistenza teknika kif deskritt fit-taqsima 4. Dawn l-attivitajiet ser jiġu organizzati fuq talba ta' tali Stati u skont id-domanda u d-disponibbiltà tar-riżorsi.

Barra minn hekk u sabiex titħeġġeġ aktar l-universalizzazzjoni tat-Trattat, l-attivitajiet reġjonali u internazzjonali, kif deskritti, ser jiġu organizzati bl-għan li:

— tiżdied il-kuxjenza dwar ir-riskji u l-isfidi tad-devjazzjoni u t-traffikar illeċitu ta' armi konvenzjonali,

— tiġi pprovduta pjattaforma għal esperti u uffiċjali minn awtoritajiet rilevanti f'pajjiżi differenti biex jiskambjaw dwar kwistjonijiet kummerċjali strateġiċi,

— jiġu promossi l-objettivi tal-universalità, l-implimentazzjoni sħiħa u t-titjib tat-TKA.

L-attivitajiet għandhom jitwettqu b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-gvernijiet nazzjonali rispettivi u, kif xieraq, mal-istituti akkademiċi rilevanti, l-NGOs u/jew l-organizzazzjonijiet reġjonali. L-attivitajiet għandhom, fejn xieraq u applikabbli, jiġu appoġġati minn delegati tal-UE sabiex jingħata momentum politika miżjud.

7. **Entitajiet ta' implimentazzjoni**

Minħabba l-ammont ta' xogħol li jirriżulta mill-attivitajiet skont din id-Deċiżjoni huwa rakkomandabbli li jintużaw żewġ entitajiet ta' implimentazzjoni kompetenti: il-BAFA u Expertise France. Fejn adatt, huma ser jissieħbu mal-aġenziji ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali rilevanti, gruppi ta' riflessjoni, istituti ta' riċerka u NGOs, jew jiddelegaw lilhom.

Il-BAFA u Expertise France kienu responsabbli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/915 u d-Deċiżjoni 2021/2309 kif ukoll għal programmi preċedenti u attwali oħra ta' sensibilizzazzjoni tal-UE. Meħuda flimkien, iż-żewġ entitajiet ta' implimentazzjoni għalhekk għandhom l-esperjenza ppruvata, il-kwalifiki u l-għarfien espert meħtieġ fuq il-firxa sħiħa ta' attivitajiet rilevanti tal-Unjoni ta' kontroll tal-esportazzjoni, kemm fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, kif ukoll f'dak tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi.

8. **Koordinazzjoni ma' attivitajiet ta' assistenza rilevanti oħra**

L-entitajiet ta' implimentazzjoni għandhom jiżguraw koordinazzjoni xierqa fost id-diversi strumenti tal-Unjoni, biex:

— jiġi żgurat approċċ koerenti tal-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni lejn pajjiżi terzi,

— jiġu evitati sovrapożizzjonijiet fl-iskedar u l-kontenuti tal-attivitajiet,

— jinqasmu esperjenzi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-proġetti u jiġu identifikati sinerġiji potenzjali fost il-proġetti differenti ta' assistenza fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni,

— tiġi mfittxija sinerġija u komplementarjetà ma' proġetti oħra ta' assistenza tad-donaturi, fejn xieraq.

Għal dak il-għan, ser isiru skambji annwali online ta' informazzjoni, bejn l-aġenziji ta' implimentazzjoni, tal-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni, kif ukoll mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna permezz ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni stabbilit u formalizzat. Il-parteċipazzjoni ta' esperti minn Stati Membri oħra għandha tiġi mħeġġa, kull meta tkun rilevanti. L-entitajiet ta' implimentazzjoni ser ikunu inkarigati b'mod konġunt mill-implimentazzjoni tal-attività.

Għandha tingħata wkoll attenzjoni mill-entitajiet ta' implimentazzjoni lill-attivitajiet rilevanti għat-TKA mwettqa skont il-programm ta' azzjoni tan-NU bl-għan li jimpedixxi, jikkumbatti u jeradika l-kummerċ illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir fl-aspetti kollha tiegħu u s-Sistema ta' Appoġġ tal-Implimentazzjoni (PoA-ISS) tiegħu, il-UNSCR 1540 (2004), il-Fond Fiduċjarju Volontarju tat-TKA u l-UNSCAR, kif ukoll lil attivitajiet ta' assistenza bilaterali. L-entitajiet ta' implimentazzjoni għandhom iżommu kuntatt kif xieraq ma' fornituri oħra tal-assistenza sabiex jaqsmu informazzjoni, tiġi evitata duplikazzjoni żejda u jiġu żgurati l-konsistenza u komplementarjetà.

Il-proġett għandu jimmira wkoll li, fost il-pajjiżi benefiċjarji, tiżdied il-kuxjenza dwar strumenti tal-Unjoni li jistgħu jappoġġaw kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar f'kontrolli tal-esportazzjoni. F'dan ir-rigward, l-attivitajiet ta' assistenza, fejn xieraq, għandhom jagħtu informazzjoni dwar, u jippromwovu, strumenti disponibbli bħall-Inizjattiva tal-UE dwar iċ-Ċentri ta' Eċċellenza CBRN u Programmi EU P2P oħrajn.

9. **Viżibbiltà tal-Unjoni u disponibbiltà ta' materjal ta' assistenza**

Il-materjal u l-għodod prodotti mill-proġett, inkluż il-pjattaforma online deskritta fil-punt 3.1.2.2, ser jiżguraw u jtejbu l-viżibbiltà tal-Unjoni. Dawn ir-riżultati kollha ser isegwu l-logo u t-tabella grafika tal-Manwal ta' Komunikazzjoni u Viżibbiltà għall-Azzjonijiet Esterni tal-Unjoni Ewropea u ser jinkludu l-logo "Programm dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni EU P2P". Id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jiġu involuti f'avvenimenti f'pajjiżi terzi biex jissaħħu s-segwitu politiku u l-viżibbiltà.

Il-produzzjoni u d-distribuzzjoni elettronika ta' bullettin ta' programm ta' assistenza tal-UE, li ġie żviluppat matul il-fażi III tal-proġett, ser jitkomplew sabiex tintlaħaq udjenza dejjem aktar wiesgħa fil-pajjiżi sħab, l-Istati Membri u l-komunità internazzjonali ta' għarfien espert tat-TKA.

10. **Valutazzjoni tal-impatt**

L-impatt ta' attivitajiet previsti f'din id-Deċiżjoni għandu jiġi vvalutat teknikament hekk kif jitlestew. Il-valutazzjoni tal-impatt ser issir mill-entitajiet ta' implimentazzjoni f'kooperazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, inkluż, fejn xieraq, id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-pajjiżi benefiċjarji, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati oħra rilevanti. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tagħti attenzjoni speċjali lill-għadd ta' pajjiżi benefiċjarji li jkunu rratifikaw it-TKA u lill-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħhom tal-kontroll tat-trasferiment tal-armi. Tali valutazzjoni tal-kapaċitajiet tal-kontroll tat-trasferiment tal-armi tal-pajjiżi benefiċjarji għandha, b'mod partikolari, tkopri t-tħejjija u l-ħruġ ta' regolamenti nazzjonali rilevanti, ir-rispett tal-obbligi ta' rapportar skont it-TKA, u l-għoti ta' setgħat lil korp rilevanti inkarigat mill-kontroll tat-trasferiment tal-armi.

11. **Rapportar**

L-entitajiet ta' implimentazzjoni ser iħejju rapporti regolari, inkluż wara t-tlestija ta' kull waħda mill-attivitajiet. Ir-rapporti għandhom jiġu ppreżentati lir-Rappreżentant Għoli mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara t-tlestija tal-attivitajiet rilevanti.

Rapporti ta' progress speċifiċi għall-pajjiżi ser jiġu introdotti u ser jiġu ppreżentati lill-COARM fuq bażi annwali sal-aħħar ta' kull sena. Ser jiġi żviluppat mudell ta' rapportar mill-aġenziji ta' implimentazzjoni u ser jiġi ppreżentat lill-President tal-COARM għal kunsiderazzjoni mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

12. **Durata**

Id-durata totali tal-azzjoni hija stmata li tkun 36 xahar.

*Appendiċi*

**Il-pajjiżi sħab ser jiġu indirizzati kif ġej mill-entitajiet ta' implimentazzjoni:**

Pajjiżi Sħab ta' BAFA fil-Proġett ta' Sensibilizzazzjoni IV dwar it-TKA tal-UE:

il-Botswana

iċ-Ċilì

il-Kolombja

il-Costa Rica

l-Ekwador

il-Każakistan

il-Malażja

il-Perù

it-Tajlandja

iż-Żambja

Pajjiżi Sħab ta' Expertise France fil-Proġett ta' Sensibilizzazzjoni IV dwar it-TKA tal-UE:

il-Benin

il-Kamerun

il-Kosta tal-Avorju

il-Guyana

il-Liberja

Madagascar

il-Messiku

il-Filippini

is-Senegal

Sierra Leone

it-Togo

l-Unjoni ta' Comoros